MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1254/2005

**Prinz Distributors Ltd. (C-21503)**

**vs**

**Mark Briffa (ID354471M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Gunju, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma' prodotti debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut, mis-socjeta` attrici, fuq ordni u inkarigu tal-istess konvenut.**
**Illi nonostante nterpellat ihallas permezz ta' ittra nterpellatorja datata 20 ta' Novembru, 2003, dana baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**

**Bl-ispejjez inkluz tal-mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet li qed jigi prezentat kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-seduta tal-1 ta' Lulju, 2005 deher il-konvenut li ammetta t-talba attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00) bl-imghaxijiet kummercjali mill-14 ta' Gunju, 2005 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet li gie prezentat kontestwalment mal-avviz, kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------